MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 703/2003

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Arthur Refalo sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Arthur Refalo**

**vs**

**Lucas Gili u Joseph Edwards u b'digriet tat-3 ta' Frar, 2005 gie nominat Dr. Mark Busuttil kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-eredita` gjacenti tal-mejjet Joseph Edwards, u b'nota tat-8 ta' Frar, 2005 Elmo Insurance Agency Ltd. dahlu bhala kuraturi ghall-eredita` gjacenti tal-mejjet Joseph Edwards**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' April, 2003 fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom,**

**ihallsu s-somma ta' mija u sebgha u sittin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm176.22) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tas-16 ta' April, 2002, f'Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura bin-numru GAE-639 misjuqa mill-konvenut Lucas Gili, il-vettura bin-numru KAN-091 misjuqa mill-konvenut l-iehor Joseph Edwards, u l-vettura numru VSG-023 misjuqa minn Mary Vassallo u proprjeta` tal-assikurat tas-socjeta` mittenti Arthur Refalo, liema vettura kienet assikurata taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici u li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuti, jew min minnhom, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) excess imhallsa mill-attur Arthur Refalo, li kien assikurat taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra s-socjetajiet ta' l-assikurazzjoni rispettivi tal-konvenuti, u dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar, 2003, u bl-imghax pagabbli mis-6 ta' Jannar, 2003, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Edwards prezentata fid-29 ta' April, 2003, fejn intqal illi :**
**i. L-incident de quo ma garax tort tal-eccipjent Joseph Edwards ;**
**ii. Ghalhekk fejn jirrigwarda lill-istess Joseph Edwards ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova skond il-ligi tad-danni pretizi minnhom ;**
**iii. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut Joseph Edwards ghall-hlas ta' danni ;**
**iv. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Lucas Gili prezentata fit-8 ta' Mejju, 2003, fejn intqal illi t-talba tal-atturi ghall-hlas ta' l-ammont ta' mija u sitta u sebghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm176.22), ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-konvenut Lucas Gili, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-partijiet l-ohra f'din il-kawza, jew min minnhom, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Mary Vassallo, Dr Mark Mifsud Cutajar, Joseph Mula u Lucas Gili . Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ra l-verbal tal-1 ta' Lulju, 2003, li fiha l-konvenuti ddikjaraw li mhux qed jikkontestaw il-kwantum tad-danni.**

**Ikkunsidra :**

**1. Dan il-kaz jirigwarda kollizzjoni illi sehhet f'Burmarad fis-16 ta' pril, 2002, bejn il-vettura tal-attur numru VSG-023 misjuqa minn Mary Vassallo, il-vettura numru GAE-639 misjuqa minn Lucas Gili u l-vettura KAN-091 misjuqa minn Joseph Edwards.**

**2. Skond Mary Vassallo hi kienet gejja mit-triq ta' Burmarad mixja fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar, kienet qabzet il-Knisja ta' Burmarad, pero' ma kienetx ghada qabzet il-parti ta' fejn kien hemm il-Price Club, hi tajt li kienet mixja bi 15 mfs. Hi rat mara taqsam b'kelb u naqqset fil-velocita u waqfet kompletament. Meta waqfet semat daqqa fuq wara, tellet il-hand brake u nizlet tara x'gara u sabet li kien hemm van mahbut fija u warajh karozza ohra. Rilevanti illi l-attrici hasset daqqa wahda biss.**

3. **Joseph Edwards is-sewieq tal-Van Transit numru KAN-091, miet fil-mori tal-kawza u l'unika evidenza illi giet sottomessa fir-rigward tieghu kienet ittra mibghuta minnu fejn qal illi l-karozza ta' quddiemu kienet waqfet f'salt u hu waqaf ftit l-boghod minnha**

**meta karozza ohra laqtitu minn wara u tefatu ghal gol vettura tal-attrici.**

4. **Il-konvenut Lucas Gili jghid illi meta dahar id-dawra sab il-van ma wiccu, ghafas il-brake u ma zammlux. Hu jghid li meta sab il-karozza ma wiccu dawn kienu diga mahbutin.**

5. **Mill-kumpless tal-provi t-Tribunal, isib diffikulta illi jemmen dak li qed jghid il-konvenut Gili fis-sens illi meta dahar u sabhom f'salt ma wiccu dawn kienu diga mahbutin. Huwa aktar vero simili illi dan sab il-karozzi weqfin, pero' mhux mahbutin, il-brake ma zamlux baqa diehel fil-vettura ta' Edwards u tefu fil-vettura tal-attrici.**

6. **Fic-cirkostanzi r-responsabbilta ghal l-incident tirrizulta illi hija kollha tal-konvenut Gili.**

7. **Id-danni reklamati jirrizultaw pruvati skond is-survey a fol 16 tal-process u r-ricevuti a fol 17 sa 20 tal-process.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi ma jsib ebda torot fil-konventu Edward u konsegwentament jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, qed isib lill-konvenut Lucas Gili unikament responsabbli ghal incident li sehh, u jikkundanah ihallas lis-socjeta attrici GasanMamo Insurance Agency Limited is-somma ta' mija u wiehed u hamsin lira matlija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm151.22c), u lill-attur Aurthur Refalo s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Jannar, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dinl-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra s-socjetajiet ta' l-assikurazzjoni rispettivi tal-konvenuti, u dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar, 2003, kif ukoll l-ispejjez tal-konvenut Joseph Edwards, ghandhom jigu sapportati kollha mill-konvenut Lucas Gili.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------